**20 ta' Ġunju, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Avukat Dr. Antonio Pace ne.

*versus*

Anthony Camilleri ne.

**Dazju — Dwana — "Craft" — "Speed Craft" — "Cabin Cruiser" — Art. 23 tal-Ordinanza XIII tal-1961 — "Import and Export Duties Ordinance" (Kap. 122).**

*Il-kelma "craft" użata fil-Liġi tad-Dwana, dwar id-dazju ta' Importazzjoni u Esportazzjoni, hija wisq ġenerika, billi fiha nnfisha tikkomprendi kull tip ta' dgħajsa, "cabin cruiser", jew "yacht"; imma mgħaqqda mal-kelma "speed" tiġi ristretta fis-sinifikat tagħha; u allura jkun neċessarju li tiġi determinata l-linja ta' demarka. jonl bejn x'jista ġustament jissejjaħ "craft" jew "speed craft".*

*Bastiment, jew "craft", li jlaħħaq veloċità ta' ħmistax il-knot, għandu ġeneralment jiġi kunsidrat bħala "speed craft"; imma hemm fatturi oħra barra dak tal-veloċità biex jiġi determinat jekk bastiment huwiex "water speed craft" jew le.*

*Fil-każ preżenti, ġie deċiż illi "cabin cruiser", li kien ġie mpurtat mill-attur, ma jaqgħax taħt il-klassifika ta' "motor speed craft", imma taħt dik ta' "ships, vessels, and water craft of all kinds of a gross tonnage less than eight tons"; u illi kwindi kien soġġett għall-ħlas ta' dazju "ad valorem" inferjuri minn dak li l-Kollettur tad-Dwana kien eżiġa biex l-importatur seta' jirtira l-"cabin cruiser", u l-Kollettur ġie kundannat jirrifondi lill-importatur l-eċċess li kien eżiġa, u li l-importatur kien ħallas bi protesta biex ikun jista' jirtira l-"cabin cruiser" minnu mpurtat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li jippremetti illi hu, fl-imsemmija kwalità, fit-30 ta' Mejju 1961 importa "cabin cruiser" tip "Bora 11"; u illi l-konvenut nomine kklassifika l-istess "cabin cruiser" bħala "motor speed craft", u nsista li jitħallas id-dazju tal-54% minflok ta' 34%, liema dazju ġie minnu mħallas taħt protesta; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, u prevja dikjarazzjoni illi l-istess "cabin cruiser Bora 11" ma jaqgħax taħt il-kategorija ta' "motor speed craft", il-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat jirrifondilu, fil-kwalità tiegħu msemmija, somma ta' £157.10.4, dazju żejjed imħallas minnu taħt protesta għall-importazzjoni tal-istess "cabin cruiser". Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali minn notifika tal-preżenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bil-perizja ġudizzjarja ġie sottomess li l-kliem "water speed craft" fl-art. 23 tal-Ordinanza Nru. XIII tal-1961 li biha ġiet emendata l-"Import and Export Duties Ordinance" (Kap. 122 Ll. ta' Malta), huma wisq ġeneriċi, billi l-kelma "craft" fiha nnfisha tista' tikkomprendi kull tip ta' dgħajsa, "cabin cruiser" jew "yacht" imma li fil-każ in diżamina din il-kelma hija ristretta, għaliex ġiet magħquda mal-kelma "speed" u kwindi huwa neċessarju li tiġi determinata l-linea ta' demarkazzjoni bejn x'jista' ġustament jiġi msejjaħ "craft" u "speed craft"; li f'dan ir-rigward jidher li bastiment, jew "craft" li jlaħħaq veloċità ta'

ħmistax il-knot għandu ġeneralment jiġi kunsidrat bħala "speed craft"; li però l-veloċità mhijiex l-uniku fattur li bih jista' jiġi determinat jekk bastiment hux "water speed craft" jew le; li biex tiġi ottenuta veloċità jeħtieġu tliet fatturi prinċipali, ċjoè (a) "propulsive power", (b) "power/weight ratio", (c) u "type of construction", liema fatturi ġew dettaljatament definiti; li biex jiġi determinat li bastiment b'fond jew qiegħ ċatt mhuwiex "speed craft", u jista' jiġi wżat għal "slow speed", irid jiġi aċċertat jekk dan jistgħax jiġi mmexxi u kontrollat ("steered") f'din il-veloċità baxxa; il-wisgħa tal-bastiment, speċjalment fil-poppa tiegħu ("transom"), għandha mportanza kbira f'dan ir-rigward, u aktar ma din tkun wiesgħa, huwa jkun aktar kontrollabbli. Il-periti, wara li analizzaw il-għamla tal-"cabin cruiser" in kwistjoni a bażi tat-tliet kriterji fuq imsemmijin, u anki a bażi tal-esperjenza, u in vista ta' osservazzjonijiet oħra, fosthom li l-bastiment in kwistjoni huwa ta' piż ta' tunnellata li huwa piż għoli ħafna sabiex jiġi wżat bħala "speed craft" biss, u għall-fatt ukoll li huwa kontrollabbli fi speed baxx, ġew għall-konklużjoni li l-istess "cabin cruiser" ma tistgħax tiġi klassifikata bħala "speed craft";

Illi din il-Qorti ma ssibx raġunijiet li għalihom għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni raġġunta bil-perizja ġudizzjarja, u kwindi tadotta l-istess konklużjoni għall-istess raġunijiet sottomessi mill-periti;

Illi, għalhekk, il-"cabin cruiser" importata mill-attur ma taqgħax fil-kategorija ta' "motor speed craft", u ma għandhiex tiġi dazjata, kif għamel il-konvenut nomine, bir-rata ta' 54% "ad valorem" skond l-art. 23 tal-Ordinanza Nru. XIII tal-1961 emendanti l-Ordinanza dwar id-Dazji ta' Importazzjoni u Esportazzjoni, Kap. 122, imma taqa' taħt il-kategorija ta' "ships, vessels, and water craft of all kinds...... of a gross tonnage less than eight tons", u kwindi għandha tiġi dazjata bir-rata ta' 34% "ad valorem", skond kif hu stabbilit bl-Ordinanza ta' Emerġenza Nru. XI tal-1958 emendanti l-imsemmija Ordinanza ta' Importazzjoni u Esportazzjoni, Kap. 122;

Illi kif jidher mid-dokument fil-fol. 4 tal-proċess, id-dazju li kellu jiġi mħallas mill-attur kalkulat bir-rata ta'

34% fuq is-somma ta' £787.11.9 valur tal-"cabin cruiser", jilħaq is-somma ta' £267.15.7, mentri dak kif ġie kalkulat mill-konvenut, bir-rata ta' 54% fuq is-somma rappreżenti l-istess valur, u li ġie mħallas mill-attur, huwa ta' £425.5.11, b'mod li l-attur ħallas lill-konvenut dazju żejjed fid-differenza, ċjoè fis-somma ta' £157.10.4. L-attur huwa ntitolat għar-rifuzzjoni minn għand il-konvenut nomine ta' din is-somma differenzjali, billi, kif ingħad, ġiet eżatta minn għandu b'eċċess, u hu ħallasha fuq insistenza tal-konvenut nomine, imma bi protesta, skond ma jidher mill-imsemmi dokument għall-fini li jkun jista' jirtira l-"cabin cruiser" diversi drabi msemmija;

Illi għalhekk id-domanda tal-attur hija ġustifikata, u għandha tiġi akkolta;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, prevja d-dikjarazzjoni mitluba mill-attur *fiċ-ċitazzjoni, tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-*attur nomine s-somma ta' £157.10.4, bl-interessi legali minn notifika taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut nomine.